# M I N U T I

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**IT-TMIEN LEĠIŻLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 3**

7 t'Awwissu 2019

Il-Kunsill Lokali Floriana ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 15 Pjazza Emanuel S Tonna, il-Furjana, fis-1.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH ) | Sindku |
| Is-Sinjorina Gail Demanuele | ( GD ) | Viċi Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP) | Kunsillier |
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Kunsillier |

SKUŻAT:-

0

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

M' Lourdes Lautier Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

### 3.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

3.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 3.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

3.2.1. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tat-tieni (02) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

3.2.2. Il-Kunsillier VB ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier JAE favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (VB, JAE, DSH, GD, JP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

3.2.3. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 2.5.1 fejn ta prosit rigward stop sign. Huwa staqsa jekk kienx hemm informazzjoni meta ġejjin it-tabelli tal-iStop u l-one way. Is-SE wieġbet li dawn it-tabelli kienu ġew ordnati u għalhekk kellhom jaslu dalwaqt.

3.2.4. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 2.5.2 u staqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva xi ħaġa mingħand Transport Malta rigward l-isleeping policeman fi Triq San Publju. Is-Sindku wieġbet li kellhom jinfurmawna jekk għandux jagħmilhom il-Kunsill tal-lakstu jew jekk hux ser jagħmluhom huma bit-tarmak.

3.2.5. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 2.10.4 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward il-bye-law tal-Fosos. Is-Sindku DSH wieġbet li l-Kunsill għandu jiltaqa' mal-Avukat rigward din il-materja.

3.2.6. Il-Kunsillier VB għamel riferenza għall-materja nru 2.3.3 u staqsa jekk id-Data Protection Officer kienx ta appuntament lill-Kunsill sabiex jagħmel laqgħa mal-kunsillieri eletti. Is-SE wieġbet li jkun aħjar li jipproponi data l-Kunsill. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jara jekk tali laqgħa tistax issir siegħa qabel il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss u dan jiġifieri t-2 ta' Settembru 2019 fin-12.30.

3.2.7. Il-Kunsillier VB għamel riferenza għall-materja nru 2.3.5 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp. Is-Sindku wieġbet li l-Kunsill kien għadu qed jistenna appuntament mal-Avukat.

3.2.8. Il-Kunsillier VB għamel riferenza għall-materja nru 2.10.10 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward il-materja tal-Floriana Ajax. Il-Kunsillier JAE informa li kienet ser tinżamm laqgħa dakinhar fis-7pm. Is-Sindku staqsiet jekk il-Kunsill xtaqx jippostponiha minħabba li ma kienx infurmat biha qabel iżda l-Kunsill qabel li l-laqgħa għandha tinżamm xorta waħda u li dawk preżenti kellhom jinformaw lill-kunsilliera li ma jistgħux jattendu bl-eżitu.

3.2.9. Il-Kunsillier VB għamel riferenza għall-materja nru 2.10.18. Il-Kunsillier VB qal li hu kien iċċekkja u vverifika li ma kienx hemm bżonn li jitqabbad perit. Is-Sindku qalet li hi kellha d-dokumenti mitluba u kienet ser tiċċirkolahom dalwaqt.

### 3.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.3.1. Is-Sindku għamlet riferenza għat-taħditiet tal-Primary Health Care u qalet li min-naħa tagħhom kienu provdew id-dati ta' meta setgħu jagħmlu dawn it-taħditiet. Il-Kunsill qabel li għandu jipproċedi. Is-Sindku nformat li kellhom ukoll jibgħatu poster sabiex jiġi ċċirkolat mill-Kunsill. Il-Kunsillier VB ppropona li l-Kunsill javża lill-Arċipriet u lill-Kunvent tal-Kapuċċini sabiex jagħmluhom fl-avviżi.

3.3.2. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-Comune di Macerata fejn bagħtu invit lill-Kunsill sabiex bħalma jsir ta' kull sena, tintbagħat delegazzjoni ta' erbgħa persuni għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-patrun ta' Macerata. Il-Kunsill qabel li jilqa' l-istedina u li għandhom jattendu is-Sindku, is-SE, il-Kunsillier VB u l-Events Co-ordinator GA. F'każ li dan tal-aħħar ma jkunx jista' jattendi, il-Kunsill qabel li għandu jattendi minfloku wieħed mill-membri tas-sottokumitat.

3.3.3. Is-Sindku DSH pproponiet li bħalma jsir fil-bidu ta' kull leġiżlatura, tintbagħat ċirkolari lir-residenti li tkun tinkludi lista ta' dekasteri ta' kull kunsillier kif ukoll il-kuntatti u l-informazzjoni tagħhom. Il-Kunsill qabel u l-kunsilliera qablu b'mod unanimu li tiġi ċirkolata l-informazzjoni ta' kuntatt tagħhom b'dan il-mod.

3.3.4. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għal ħafna lmenti ta' indafa u skart li kien qed ikollha. Hija kompliet billi tipproponi li fiċ-ċirkolari tiżdied ukoll l-iskeda ta' ġbir ta' skart regolari kif ukoll dik ta' skart goff. Hija pproponiet ukoll li għandu jkun hemm tfakkira li l-iskart għandu jinżamm wara l-bieb tal-individwu. Il-Kunsill qabel.

3.3.4.1. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk il-Kunsill jistax jgħarraf lill-ecowardens b'dawn l-ilmenti. Is-Sindku DSH qalet li temmen li kien ingħata biżżejjed żmien biex in-nies jedukaw u jadattaw ruħhom għall-iskedi l-ġodda u għalhekk kienet ser tinsisti li jkun hemm infurzar sabiex l-abbuż jinqata'.

3.3.5. Il-Kunsillier JAE ppropona li l-Kunsill jitlob lill-awtorità kompetenti sabiex jikkunsidraw li almenu fiż-żminijiet tas-Sajf, il-borża s-sewda u dik organika tibda' tinġabar iktar ta' spiss u dan minħabba li, bħalma kien ppropona f'laqgħa oħra, ir-residenzi Furjaniżi ma kienux kollha kbar u għalhekk uħud ma kellhomx bitħa jew x'imkien barra fejn setgħu ipoġġu l-iskart tagħhom meta jibda' jinten. Il-Kunsill qabel li għandu jikteb lill-Ministru fejn jesiġi li jsir l-infurzar li kien ġie mwiegħed meta kienet introdotta din l-iskema.

3.3.6. Is-Sindku DSH ressqet ilment minn residenti li joqgħodu ħdejn il-Floriana Health Centre li kien hemm ħsara fil-paviment li kienet ġiet ikkawżata minn lifters li kienu jitilgħu fuq il-paviment b'kawża li dan sfronda. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jagħmel bollard ikbar b'katnazz eħxen milli kien hemm u li ċ-ċavetta għalih tinżamm mil-Kunsill. F'każ li xi ħadd ikollu bżonn ineħħi l-bollard biex idaħħal xi makkinarju li ma jkunx jista' jopera mod ieħor, il-Kunsill qabel li għandu jieħu d-dettalji tal-persuna li tinżamm responsabbli għal xi ħsara li tista' ssir matul il-perjodu mitlub.

3.3.7. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li kien hemm talba għal cat café ġewwa l-Housing Estate fi Blokk 4. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni bil-kundizzjoni li ż-żona tinżamm nadifa.

3.3.8. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għas-servizz ta' trasport għar-residenti anzjani u qalet li kienet kitbet lill-Onor. Agius Decelis sabiex is-servizz jiġi estiż għal-lokalita tal-Floriana wkoll. Hija qalet li min-naħa tagħhom kienu nformawha li l-fondi għal dan is-servizz

kellhom jitħabbru fil-baġit li ġej. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jibgħat tfakkira f'Novembru ladarba jkun ħareġ il-baġit.

3.3.9. Is-SE qalet li l-uffiċċju amministrattiv kien qed ikollu ħafna ilmenti rigward dħaħen mill-vapuri fil-port, rigward ħsarat ikkawżat minn makkinarju fit-triq, eċċ. Hija qalet li meta kienet tavviċina lil min hu responsabbli, dawn kienu jinnegaw l-involviment tagħhom jew jheddu bl-Avukat. Għalhekk ħeġġet lill-kunsillieri kollha sabiex jitkellmu mar-residenti u jitolbuhom li meta jaraw xi abbuż jew xi ħaġa illegali, jieħdu ritratti sabiex ikunu jistgħu jintużaw bħala prova meta l-Kunsill javviċina lil min ikun responsabbli.

3.3.9.1. Il-Kunsillier VB ppropona li l-Kunsill imur jieħu ritratti hu iżda ma kienx hemm qbil minħabba li l-Kunsill ma kellux biżżejjed riżorsi jagħmel dan.

**<u>14:15 Is-Sindku DSH talbet li tkun skużata.</u>**

3.3.9.2. Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-possibbiltà li jitlob garanzija monetarja u l-applikant ikun mitlub jipprovdi ritratt taż-żona qabel u wara x-xogħol fejn il-garanzija monetarja tingħata lura ladarba jinstab kollox kif tħalla. Il-Kunsill qabel li għandu jesplora din il-possibbiltà u jara kunsilli lokali oħrajn x'jagħmlu.

**<u>14:17 Is-Sindku reġgħet irritornat għal-laqgħa.</u>**

3.3.10. Is-Sindku informat lill-Kunsill li kien ser jerġa jinżamm il-Premju Anzjanità Attiva. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jinnomina lis-Sur Publio Agius.

3.3.11. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Ozone fejn informaw li kienu ser jieqfu joperaw fl-aħħar tas-sena u li l-Melita kienu ser jieħdu l-operazzjoni tagħhom. Huma nformaw ukoll li jekk il-Kunsill xtaq li jżomm l-istess numri tat-telefon, kellu jimla l-formola annessa u jibgħatha fl-indirizz stipulat. Il-Kunsill qabel li għandu jżomm l-istess numri u li għalhekk il-linji tat-telefon tiegħu ser ikunu operati mill-kumpanija Melita bl-istess rati preżenti.

3.3.12. Is-Sindku DSH għamlet referenza għal xi fondi mil-LESA. Il-Viċi Sindku GD spjegat li l-Kunsill kien eliġibbli għal €14,000 li setgħu jintefqu fuq proġetti relatati ma' kultura. Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill japplika sabiex ikun jista' jbiddel is-sinjali tal-Floriana Heritage Trail. Il-Kunsill qabel. Il-Kunsillier JAE semma wkoll il-water fountain u s-Sindku qalet li għandha terġa tkellem lill-kuntrattur.

3.3.13. Is-Sindku DSH informat li l-LESA kienet qed tipprovdi fondi anke lir-reġjuni. Il-Viċi Sindku GD spjegat li kienet ser toħloq app tal-mobile li tippromwovi l-lokalitajiet. Hija żiedet tgħid li l-Kunsill għandu jibda' jiġbor l-informazzjoni sakemm jistenna mingħand ir-Reġjun sabiex ikun jista' jipproċedi għal din l-app.

3.3.14. Is-Sindku DSH informat li kien hemm bidla fil-legal notice dwar l-Att tal-Protezzjoni tal-Ambjent. Hija qalet li minkejja dan, ma kien hemm l-ebda tibdil fl-iskeda tal-lokalita tal-Floriana ħlief li l-ħin tal-ġabra tar-riċiklaġġ ta' nhar ta' Ġimgħa kien inbidel għall-11.30am.

3.3.15. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza rigward il-Community Inclusive Employment Scheme fejn offrew lill-Kunsill li jkun jista' jimpjega persuna fuq bażi part-time jew full-time. Il-Kunsill qabel li għandu japplika għal impjegat full-time li jkun jaf juża l-kompjuter.

3.3.16. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill b'diversi ilmenti rigward il-bus shelter ta' quddiem il-Health Centre u qalet li kienet talbet lill-kumpanija tal-bus shelters sabiex dan jiġi rranġat. Is-Sindku qalet li kienet informata li kien għaddej proċess biex tintalab DNO.

3.3.17. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li kien sar parkeġġ riservat quddiem il-GRTU. Hija qalet li dawn kienu talbu l-permess lill-Kunsill li min-naħa tiegħu ma kienx laqa' l-permess. Hija qalet li minkejja li l-Kunsill oġġezzjona, Transport Malta kienu xorta waħda implimentaw dan il-parkeġġ riservat. Is-Sindku qalet li hi kienet ser tibqa' tenfasizza li dan il-parkeġġ riservat għandu jitneħħa u li kienet tkellmet mal-President tal-AKL dwar dan u l-fatt li mhux talli każ kien ser joħloq preċedent iżda wkoll eventwalment kien ser joħloq problema ta' parkeġġ ikbar milli diġà hemm.

3.3.18. Is-Sindku DSH informat li l-Kunsill kien irċieva acknowledgement letter mingħand l-Animal Welfare Project.

3.3.19. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-iskema ta' restawr u qalet li l-Kunsill kien ippropona li tiġi restawrata l-grada taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V u l-istatwa ta'-ġebel ta' San Publju li tinsab fi Triq San Publju. F' dan l-istadju l-Kunsill qabel li tiġi restawrata l-imsemmija istatwa ta' San Publiju li tinsab fi Pjazza San Publiju bejn Triq San Tumas u Triq Triq Sarria

3.3.20. Is-Sindku DSH informat li l-Kunsill kien applika għall-iskema tal-Clean up Day u l-Kunsill ġie nfurmat li kien ser jingħata €1000 għal xiri ta' equipment bħal boroż, ingwanti, eċċ. għal min jipparteċipa. Is-Sindku pproponiet li tali attività tittella' s-Sibt 14 ta' Settembru 2019 minflok l-attività ta' tindif li soltu ssir ġimgħa qabel Ġenna ta' Ġonna. Il-Kunsill qabel li ssir dakinhar bejn it-8am u l-11am u qabel ukoll li ż-żona li għandha titnaddaf għandha tkun il-masġar ta' maġenb l-Isptar Sir Paul Boffa kif ukoll il-masġar ta' maġenb il-Young Falcons.

3.3.21. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għal-laqgħa li kienet inżammet mad-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali is-Sa Marisa Pisani fejn kienet esiġiet li l-kunsilli jieħdu sehem fiċ-ċirkolarijiet li jinħarġu mid-DLG biex jibbenefikaw mill-fondi offruti lilhom.

## 3.4 Rapporti

3.4.1. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li matul laqgħa li nżammet tar-Reġjun Xlokk, kienu nformaw li kienu ser jagħtu tliet bins b'xejn lil kull kunsill u li l-kunsilli setgħu jixtru iktar bins jekk jixtiequ. Il-Kunsill qabel li għalissa għandu jieħu biss it-tliet bins offruti b'xejn.

## 3.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

3.5.1. Il-Kunsillier JAE staqsa meta ser jibdew jitnaddfu l-ispralli fit-toroq. Is-Sindku DSH qalet li normalment dan ix-xogħol jibda' f'Settembru. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk setgħux jindikaw l-ispralli li l-iktar li għandhom bżonn jitnaddfu. Is-Sindku wieġbet li l-kunsilliera setgħu jagħmlu dan.

3.5.2. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk il-Kunsill jistax jerġa jinfriska ż-żebgħa tas-sleeping policeman li hemm fi Triq il-Kapuċċini. Il-Kunsill qabel.

3.5.3. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill b'talba biex jiżdiedu żewġ bankijiet fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V – wieħed maġenb l-ispiżerija tal-Gvern u ieħor għall-persuni b'diżabilità ġewwa Ġnien Sir Luigi Preziosi. Il-Kunsill qabel mal-ewwel proposta u qabel li jikkuntattja lill-persuna li ressqet it-tieni talba sabiex jiġi speċifikat x'hemm bżonn eżatt.

## 3.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

3.6.1. Ma kienx hemm rapporti tal-laqgħat ta' kumitati u/jew sottokumitati.

## 3.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

3.7.1. Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 02/08 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

3.7.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier VB u issekondata mill-Kunsilliera JP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti imsemmija, bir-riżultat ikun favur nem con.

3.7.2. Is-Sindku DSH ippreżentat lista ta' pagamenti ta' petty cash li nħarġu matul ix-xahar ta' Ġunju, li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

3.7.2.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier VB u issekondata mill-Kunsilliera JP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet indikati fil-lista ta' petty cash imsemmija, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 3.8 Mozzjonijiet

3.8.1. Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

## 3.9 Offerti

3.9.1. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għat-tieni sejħa għall-offerti tas-Civil Works u qalet li l-Kunsill preċedenti kien iddeċieda li jibda' l-proċeduri biex iwaqqa' t-tender. Hija qalet li peress li s-sejħa kienet inħarġet darbtejn, il-liġi tippermetti li tkun tista' ssir talba ta' ħruġ ta' Direct Order b'approvazzjoni tal-Ministru. Is-Sindku qalet li kienet inġiebet kwotazzjoni li tammonta għal €109,043. Il-Kunsill qabel li għandu jmexxi b'din il-kwotazzjoni u għalhekk qabel li għandha tintalab l-approvazzjoni tal-Ministru. Is-SE għamlet riferenza għal dan il-proġett li kien ser jammonta għal spejjeż kbar u għalhekk ġibdet l-attenzjoni sabiex il-Kunsill ikun għaqli fid-deċiżjonijiet tiegħu.

3.9.2. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għas-sejħa għall-offerti ta' servizz ta' Contracts Manager u staqsiet lill-Kunsill kif jaqbel li għandu jitħallas tali persuna jekk hux b'ammont fiss jew inkella b'perċentwali tal-kuntratti eżistenti. Il-Kunsillier VB għamel riferenza għall-persuna li kienet interessata xi xhur qabel u staqsa jekk b'tali mod il-Kunsill ikunx qed jaqbeż l-ammont mitlub minn din il-persuna, speċjalment ladarba il-Kunsill kien jaf kemm kien responsabbli u għall-fatt li kien ser ikun preżenti ġurnata sħiħa u mhux biss ftit siegħat. Il-Kunsill qabel li għandu jikkuntattja lil din il-persuna u jerġa' jiftaħ in-negozjati magħha.

3.9.3. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-aġġudikazzjoni tas-sejħa għall-offerti tal-Urban Greening li kienet inżammet dakinhar. Hija nformat li l-kuntratt ser jingħalaq fil-ġimgħat li ġejjin.

3.9.4. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-kwotazzjonijiet mitluba biex jinbidlu l-emergency lights. Il-Kunsill qabel li jipproċedi bil-kwotazzjoni mibgħuta.

3.9.5. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għas-sejħa għall-offerti tal-electric works u qalet li din is-sejħa kienet diġà nħarġet darba u l-offerti li tressqu kienu over budget. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jerġa' joħroġ is-sejħa għall-offerti.

## 3.10 Korrispondenza

### 3.10.1. European Week for Waste Reduction

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-Wasteserv rigward il-European Week for Waste Reduction u nformaw li kien ser jingħata premju lill-aħjar idea biex jitnaqqas l-iskart. Is-Sindku DSH semmiet li jiġu installati magni biex jiġu riċiklati l-fliexken tal-plastik. Il-Kunsill qabel li għandu jaħseb f'xi proposti li jista' jressaq.

### 3.10.2. Korrispondenza mingħand Friends of the Earth – Malta

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Friends of the Earth Malta li ser jagħmlu attività li matulha jiġu diskussi suġġetti importanti u talbu s-suġġerimenti tal-Kunsill fejn tista' tittella' tali attività. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob kjarifika fuq l-istalls kif ser ikunu u jinforma li ma kienx jaqbel li jinbiegħ ikel. Il-Kunsill qabel ukoll li jipproponi li din l-attività tiġi organizzata fiż-żona tal-Biskuttin.

### 3.10.3. Korrispondenza mingħand Farsons

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Farsons fejn talbu li jkollhom linji sofor quddiem il-bini tagħhom. Is-SE qalet li kienet talbithom iktar dokumenti dwar l-imħażen tagħhom bħal liċenzji, ritratti u l-ħinijiet li jintużaw tali mħażen. Il-Kunsill qabel li għandu jistenna risposta.

### 3.10.4. Musical on ice organizzat minn Karl Borg Events

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Karl Borg Events fejn talbu l-permess tal-Kunsill biex jorganizzaw musical on ice fuq il-Fosos. Is-Sindku DSH qalet li kienet talbet linji gwida mill-Pulizija u mis-Segretarju Parlamentari tal-OPM sabiex tkun tista' tikkonferma jekk il-Kunsill jistax joħroġ permessi matul dawn iż-żminijiet peress li kienet informata li kien hemm Cabinet Memo li jipprevjeni dan. Il-Viċi Sindku GD qalet li kien hemm bżonn li l-Kunsill jara jekk din il-memo kienitx għadha fis-seħħ u f'każ li kienet għadha effettiva allura kellha tintalab kopja sabiex il-Kunsill ikollu iktar informazzjoni f'dan ir-rigward. Il-Kunsill qabel. Is-Sindku wriet ukoll it-tħassib tagħha għall-istruttura li qed tiġi proposta biex tintrama fuq il-Fosos u għall-fatt li din tista' tagħmel ħsara. Għalhekk il-Kunsill qabel li meta jkollu risposta dwar il-Cabinet Memo, għandu jitlob lill-applikant id-dimensjonijiet tal-istruttura.

### 3.10.5. TALBA GĦAL LINJI SOFOR

Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li Transport Malta kienu approvaw li jsiru linji sofor quddiem il-garages ta' Tug Malta.

### 3.10.6. TALBA GĦAL RESTAWR FIL-BITĦA TAS-CID

Is-Sindku DSH ressqet talba mingħand is-CEO tal-Malta Police Force fejn talbu li l-Kunsill japplika sabiex isir restawr tal-Arkata fil-bitħa tas-CID taħt l-iskema tar-restawr. Is-Sindku informatu li l-Kunsill kien diġà applika għall-fondi iżda kellu jżomm f'moħħu tali proposta għall-futur. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jinformahom li setgħu japplikaw għal din l-iskema anke huma.

### 3.10.7. KORRISPONDENZA MINGĦAND L-AKL

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand l-AKL rigward laqgħa li nżammet il-ġimgħa ta' qabel rigward proġett imniedi mill-Wasteserv għal tnaqqis fl-iskart. Huma nformaw li kienu ser iqassmu bins li jistgħu jinġabru mir-residenti. Il-Viċi Sindku GD staqsiet jekk minflok bins, jistgħux jingħataw flus biex ikun jista' jsir marketing favur din il-kampanja.

### 3.10.8. KORRISPONDENZA RIGWARD QTATES NEQSIN MIŻ-ŻONA TAL-ARGOTTI

Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-każ ta' qtates neqsin miż-żona tal-Argotti u qalet li l-Kunsill kien kiteb lid-Direttur Ġenerali tal-Animal Welfare li min-naħa tagħhom kienu nformaw li kienu ser jieħdu ħsieb jindagaw fuq din il-materja.

### 3.10.9. TALBA MILL-MALTA RAILWAY GROUP

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-Malta Community Chest Fund fejn talbu permess biex jagħmlu tours u biex jingħataw aċċess b'xejn għall-mużewijiet u postijiet oħra simili fil-lokalita. Huma nformaw li l-fondi li jinġabru minn dawn iż-żjarat ser imorru għall-Istrina. Huma talbu wkoll permess sabiex ikunu jistgħu iżuru l-mina tal-ferrovija. Il-Kunsill qabel li m'għandux oġġezzjoni biex isiru t-tours imsemmija bil-kundizzjoni li jintalab permess mill-entitajiet responsabbli.

3.10.10. **PARKEĠĠ RISERVAT QUDDIEM IL-GRTU**

Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-parkeġġ riservat quddiem il-GRTU u nformat li l-President tal-AKL kien bagħat korrispondenza lis-Sur Michael Cohen li min-naħa tiegħu wieġeb li għandu jkellem lid-Deputy sabiex jiġu stabbiliti proċeduri ċari dwar x'għandu jsir f'każijiet simili.

**Nota: 15:30 Il-Viċi Sindku GD talbet li tkun skużata.**

## 3.11 BUSINESS PLAN

3.11.1. Is-Sindku nformat li l-Business Plan kien għadu ma tlestiex u għalhekk għandha tissejjaħ laqgħa straordinarja meta jkun lest sabiex jiġi approvat.

## 3.12 ASFALTAR TA' TRIQ IL-MALL

3.12.1. Is-Sindku DSH staqsiet jekk il-Kunsill jaqbilx li jibda' x-xogħol fuq Triq il-Mall u f'każ li jkun hemm approvazzjoni għandu jħallas il-Kunsill u wara jiġi rimborsat minn Transport Malta.

3.12.2. Il-Kunsill qabel li għandu jipproċedi u qabel li għandu jkompli jenfasizza mal-kuntrattur biex isir ix-xogħol imsemmi.

## 3.13 PROĠETT TAĊ-ĊENTRU RIKREATTIV IR-RE ĠORĠ V

3.13.1. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li l-equipment tal-gym kien wasal u kienet qed tistenna mingħand il-Perit sabiex issir site visit u jkun jista' jitwaħħal l-equipment.

3.13.2. Hija nformat ukoll li kien qed jiġi abbozzat it-tender tas-synthetic pitch.

3.13.3. Il-Kunsillier VB qal li kien hemm tabelli li kien hemm bżonn li jerġgħu isiru minħabba li kienu ċċaraw. Il-Kunsill qabel li għandhom jerġgħu isiru.

3.13.4. Is-Sindku DSH qalet li kien wasal ukoll l-equipment tat-toilets għall-persuni b'diżabilità u nformat li dawn kellhom jitwaħħlu dalwaqt.

**Nota: 15:32 Il-Viċi Sindku GD irritornat lura għal-laqgħa.**

## 3.14 ĠENNA TA' ĠONNA

3.14.1. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li kienet inżammet laqgħa mal-għaqdiet fejn il-Kunsill kien informahom bil-proċedura li għandha tiġi pprovduta riċevuta fiskali għal kull pagament li jinħareġ.

3.14.2. Is-Sindku nformat ukoll li l-għaqdiet kienu ntalbu sabiex jissottomettu il-proposti tagħhom sa nhar id-19 t'Awwissu 2019 sa nofsinhar. Il-Kunsill qabel li għandu l-ewwel janalizza l-proposti qabel ma jagħmel baġit fuq l-attività.

3.14.3. Is-Sindku DSH qalet ukoll li l-Kunsill kien tkellem mas-Sur Mario Camilleri dwar tliet proposti. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob kwotazzjoni għat-treasure hunt proposta matul Ġenna ta' Ġonna. Il-Viċi Sindku GD qalet li kienet taf lil xi ħadd ieħor li kien esprima l-interess tiegħu sabiex jorganizza treasure hunt. Il-Kunsill qabel li għandu jistaqsi lil din il-persuna tressaq xi ideat oħrajn ladarba l-Kunsill kien diġà ltaqa' mal-persuna imsemmija fil-bidu. Il-Kunsill qabel ukoll li għandha tintalab kwotazzjoni għal tliet rotot.

## 3.15 Il-kunċert ta' Joseph Calleja

3.15.1. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li l-organizzatur kien għad għandu bilanċ dovut lill-Kunsill iżda nformat li kellu jħallas dalwaqt.

3.15.2. Il-Kunsillier JAE staqsa dwar kunċert li ser isir b'artisti Taljani. Is-Sindku DSH wieġbet li tali kunċert kien ser jaħbat mal-attivitajiet tal-Indipendenza u għalhekk kienet talbet lill-organizzaturi sabiex jirrevedu d-dati jew inkella jiftehmu mal-Partita Nazzjonalista biex l-attivitajiet ma jkunux konfliġġenti.

## 3.16 Talba għal bankina ġdida fi Triq l-Iljun

3.16.1. Is-Sindku DSH qalet li hemm bżonn li ssir manutenzjoni fuq il-bankina ta' Triq l-Iljun. Il-Kunsill qabel li għandha tintalab BOQ lill-Perit tal-Kunsill għal dan ix-xogħol. Is-SE ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill għall-ispejjeż li l-Kunsill diġà kien daħal għalihom bil-proġetti li kien qed iniedi.

## 3.17 Norway Grants Scheme

3.17.1. Is-Sindku informat li nħarġet skema ta' Norway Grants fejn wieħed jista' jikseb sa massimu ta' €100,000. Is-Sindku qalet li f'Kunsill preċedenti kien hemm qbil li jsir lift ġewwa d-Dar tal-Kunsill, lift ma' barra fuq il-bankina u li s-sular ta' fuq jiġi rranġat biex jibda' jintuża bħala day care centre.

3.17.2. Is-Sindku żiedet tgħid li MEUSAC kienu talbu l-proposti tal-Kunsill. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jqabbad espert sabiex tkun tista' timtela' l-applikazzjoni neċessarja biex il-Kunsill ikollu l-aħjar ċans jikseb il-massimu tal-fondi. Il-membri preżenti unanimament qablu mal-proposti msemmija.

## 3.18 TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS.

3.18.1. Il-laqgħa intemmet fl-3.55pm u b'riżoluzzjoni unanima tal-Kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 2 ta' Settembru 2019 fis-1.30pm.

**Konfermati, illum it-Tnejn, 2 ta' Settembru 2019**

*firmati*
Gail Demanuele
Viċi Sindku

*firmati*
M'Lourdes Lautier
Segretarju Eżekuttiv